MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 677/2014

**Mario Cassar**
**ID 255159M**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta li b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 2014 intalbet korrezzjoni ghal 'Enemalta plc', u b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 2014 giet kjamata in kawza il-Kumpanija Philip Agius & Sons Limited (C 35991)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2014 fejn l-attur talab:

1. Nhar it-18 ta' Awissu 2013 sehh incident gewwa Labour Avenue, Naxxar ghall-habta tad-8.45a.m. billi bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AUG 600 propjeta' tal-attur soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni, xoghol traskurat, u/jew mhux skond is-sengha u l-

arti, illi sar fl-imsemmija triq minn jew fuq l-inkarigu tal-konvenut Korperazzjoni Enemalta;

2. Illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat tan-negligenza, non-kuranza, jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Korporazzjoni Enemalta.

3. Illi ghalhekk il-konvenut, Korporazzjoni Enemalta ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha mija u ghoxrin Ewro (€420.00) rapprezentanti s-somma illi l-attur hallas in konnessjoni ma' dan l-incident.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 ta' Lulju, 2014, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din l-istess talba sal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa' minn issa ingub ghas-subizzjoni.

Illi wara li s-socjeta' konvenuta giet notifikata hija pprezentat risposta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament u minghajr prejudizzju s-socjeta' intimata titlob il-korezzjoni fl-okkju ta' dawn il-proceduri u dan ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra l-Enemalta plc hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tkun michuda stante illi l-Enemalta plc ma kienitx responsabbli ghall-incident de quo.

3. Illi Philip Agius & Sons Limited kienu qedghin jahdmu fil-post indikat ghaldaqstant ghandha tigi kjamata in kawza Philip Agius & Sons Limited sabiex tirrispondi diretament ghat-talba anamata mir-rikorrenti. Ghalhekk in vista tal-premess l-Enemalta plc titlob bir-rispett illi dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu jordna l-kjamat fil-kawza ta' Philip Agius & Sons Limited C 35991, ta' The Plant Mdina Road Zebbug, fil-kawza fl-ismijiet premessi, jew jghati kull provediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun.

4. Illi ghalhekk l-Enemalta plc ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi mhijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

5. Fil-mertu l-pretensjoni tar-rikorrenti hija assolutament ikkontestata u l-Enemalta plc ma jista' jkollha l-edba responsabilita diretta jew inoltre ghad-danni sofferti mir-rikorrenti u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandu jaghmel prova tad-danni skond il-ligi.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri. Bl-ispejjez.

Illi t-Tribunal laqa' it-talba ghall-kjamat in kawza ta' Philip Agius & Sons Ltd. Permezz ta' risposta pprezentata fid-19 ta' Novembru, 2014 il-kjamat in kawza eceppixxa:

1. Illi ghalkemm l-esponenti, Philip Agius & Sons Ltd, kjamat in kawza, kienet il-kuntrattur responsabbli ghaz-zona fejn sehh l-incident, l-eccipjenti ma hija bl-ebda mod responsabbli stante illi hija hadet il-prekawzzjonijiet kollha ragjonvalment u legalment rikjesti;

2. Illi di piu', nonostante l-mizuri kollha li hadet l-eccepjenti, l-incident sehh ghaliex l-attur injora l-imsemmija prekawzjonijiet u ghalhekk huma biss l-attur li huma responsabbli ghall-akkadut, u hadd izjed;

3. Illi inoltre u minghajr prejudizzju, l-attur ghandu, jingieb u jgib prova tad-danni allegatament subiti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Xehed l-attur Mario Cassar li spjega kif gara l-incident meta hu kellu jghaddi minn fuq trinka li ma kinitx mimlija bis-siment sa fuq u malli ghadda minn fuqha inqasamlu t-tyre. Xehdu permezz ta' affidavit l-pulizija u l-persuna li rrangat it-tyre.

Is-socjeta' konvenuta resqet il-provi taghha illi min-naha hadet il-prekawzjonijiet kollha meta ddelegat ix-xoghol f'idejn is-socjeta' kjamata in kawza Philip Agius & Sons Limited. Xehed l-Inginier illi kien qed jiehu hsieb il-projett u ftehim illi min-naha tal-kjamat in kawza sar ix-xoghol kif kellu jsir pero meta gie

mistoqsi dwar ix-xifer li thalla fil-wicc tat-trinka spjega illi dan suppost li mtliet kollha.

Il-kjamat in kawza ma ressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba attrici filwaqt illi jilqa' ukoll l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' konvenuta Enemalta plc u jichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-kjamat in kawza u jikkundana lill-kjamat in kawza ihallas l-ammont ta' erbgha mija u ghoxrin Ewro (€420.00) lill-attur. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkun a karigu tal-kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------